# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru sebgħa u disgħin (97) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 15 ta' Mejju, 2012, fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | Charles Farrugia | Assenti u skużat. |

1. Is-Sindku, Noel Galea, ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Kienu amendati u approvati l-minuti tas-seduti numru ħamsa u disgħin u sitta u disgħin bil-korrezzjonijiet kollha li jidhru fuq il-kopji oriġinali u dawn ġew iffirmati.

Punti mill-minuti:

3. Noel Galea tkellem dwar ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq li qed isiru fl-Imqabba. Hu qal li tlesta d-drenaġġ fi Triq is-Saljatura, u l-ħaddiema tal-kuntrattur Asfaltar Ltd, komplew billi bidlu is-servizzi tal-ilma tad-djar fi Triq il-Murselli kif ukoll fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Dwar dawn ix-xogħlijiet is-SE qal illi hemm ilmenti minn residenta illi ma tistax iddaħħal il-vettura tagħha fil-*garage* minħabba li qed tmekkħilha l-vettura mal-qiegħ fuq il-bankina li għadha kemm saret mill-ġdid. Hawn is-Sindku qal illi dan se jispiċċa eżattament kif it-triq togħla 'l fuq bis-saffi tal-qatran li għad iridu jitpoġġew fil-futur.

4. Dwar il-ħsarat li hemm fi Triq tas-Sejba, is-Sindku qal illi ktibna lil Transport Malta u se nippruvaw nieħdu x-xogħol minn għandhom minħabba l-ispejjeż kbar li hemm biex din terġa' tinbena fejn sfrundat. Hu qal illi qed jitkellem ma' persuni mill-Ministeru biex dawn jittrattawha bi prijorita' u fil-fatt għadna qed nistennew risposta formali. Noel Galea qal illi jista' jkun illi l-effett ta' dan l-isfrundar kien minħabba ilma tax-xita li seta' ġarr parti mit-terrapien li hemm wara l-ħajt tal-blokki tal-ġebel fil-barriera innifisha, li fil-fatt qed jipproteġi l-istess ħajt. Dan ħareġ minn spezzjoni li saret fuq il-post minnu stess u l-Perit Bezzina.

5. B'riferenza għax-xogħlijiet li qed isiru fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-Sindku informa lill-Kunsill illi issa tlesta l-*boundary wall* u l-ħaddiema qed jaħdmu fuq il-ġiebja li ġejja taħt l-art. Din se tkun maqsuma fi tnejn, parti li minnha se jkunu jistgħu jissaqqew ix-xtieli u l-oħra biex tforni lil funtana tal-ilma, peress li dan tal-aħħar se jkun fih il-*chlorine* minħabba il-*legionairres disease.* Dawn iż-żewġ partijiet iridu jkunu distinti minn xulxin għaliex jekk jitħalltu jmutu l-ixtieli kollha. L-ilma li bih se timtela' l-ġiebja se jkun dak li jkun nieżel minn naħa tal-Qrendi. Intant tlestiet il-kostruzzjoni tal-funtana bil-konkos kolha kemm hi, u ġew mgħoddija l-pajpijiet tal-ilma u tad-dawl. Is-Sindku żied jgħid illi jaħseb illi din il-ġimgħa jibda' l-kisi tal-*bricks* biex imbagħad jibda' l-paviment. Il-*main box* ġejja fejn il-katakombi u malli jlesti il-*kickboard* tal-ġnien, Noel Galea qal li skont stima tal-Perit Bezzina hu antiċipat illi hemm b'kemm jiswew €100,000 tarmak fit-triq arterja. Għad-domanda ta' Nicky Briffa, dwar min se jkun qed jiffinanzjah, is-Sindku qal li dan hu xogħol ta' *Transport Malta* u mhux għalina. Il-kunsillieri esprimew l-ideja illi fejn il-mekkanik għandu jinżamm nadif u li dan ma jibqgħax jaħdem barra t-triq, ħalli dan is-sit ma jkunx imtebba' biż-żjut tal-vetturi. Intant is-Sindku qal illi l-*cul de sac se* tkun propjament parkeġġ għal *privates* li se jiġu bit-turisti jaraw il-katakombi u jsegwu l-*heritage trail.*

6. Id-deċiżjoni meħuda minn *Greenpak* wara li dawn iltaqgħu mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, kienet illi fl-irħula tagħna se jinqata' l-ġbir tal-borża tal-iskart is-sewda (dak organiku) nhar ta' Tlieta. Dan se jseħħ mill-1 ta' Lulju, 2012. Is-SE tkellem ukoll bil-proposta il-viċi sindku l-ġdid ta' Ħal Safi u fil-fatt dawn huma favur din l-inizjattiva li hu mistenni li jiżdied l-iskart separat fil-boroż il-ħodor/griżi ta' nhar ta' Tlieta. Nittamaw li l-pubbliku jikkollabora billi ma joħroġx boroż suwed aktar dak in-nhar.

7. Dwar il-proposta biex quddiem ir-residenza Ġawhra, Triq Valletta, isir sinjal isfar biex ikun projbit il-parkeġġ, il-KLM ħa t-talba bil-miktub minn għand dan ir-resident illi se jkun hu li qed jipproponiha. Intant il-KLM kiteb lil *Transport Malta* b'dan, ħalli d-Direttorat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku japprova t-talba.

8. Il-kunsillieri iddiskutew id-differenza fil-ba*nk reconciliation*. Is-SE kien mitlub mis-Sindku jara manwalment jekk isibx ir-rikonċiljazzjoni li kienet preżentata lill-Udituri Dr Anthony Cassar fejn dawn kienu qed iqabbluha bil-kuntentizza tagħhom qabel ma tittieħed xi deċiżjoni oħra.

9. Dwar it-taqbil tal-*Fixed Asset register* mal-*accounts,* din kienet waħda mid-diffikultajiet li l-*accountant* kien jaf biha malli daħal mill-għatba 'l ġewwa, kif fil-fatt stqarr fil-laqgħa preċedenti. Is-SE qal illi din qed tiġi ttakiljata għaliex fil-verita' l-ebda assi tal-KLM ma jistgħu ikunu *written off* sakemm mhux b'mozzjoni ġaladarba il-proċedura addottata hija b'sistema ta' *reducing method* u mhux *straight line.* Dan ifisser li l-valur qatt ma jista' jiġi €0.

10. Dwar ix-xogħol li kull sena jaqa' lura is-SE spjega illi l-*Pastel Partner* ma jistax ikun entrat fih tranżazzjoni tas-sena 2012 qabel ma jiġi l-awditur, tingħata l-lista tal-*adjustments,* issir il-*year end* u fil-każ tagħna tinfetaħ kumpanija ġdida biex ma tintilifx id-*data*.

11. Is-Sindku reġa' stieden lill-kunsillieri biex jattendu l-laqgħa li se ssir fir-Razzett l-Antik mir-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar is-Sibt li ġej. Għaliha s'issa ikkonfermaw hu u Grace Marie Mallia.

12. Nicky Briffa ikkomunika mas-Sur Montfort u qallu li kienet diskussa l-problema tiegħu fil-KLM, minkejja li l-kunsill m'għandux ġurisidizzjoni dwar jekk jinħafrux kontravenzjonijiet. Sadanittant hu appella mal-Bord tal-Petizzjonijiet biex fuq *repeated fines* ikun hemm tnaqqis, filwaqt li qed joġġezzjoni għalihom għaliex dawn ma ingħatawx meta l-vettura kienet fit-triq.

13. Is-Sindku ta l-aħbar lill-kunsillieri illi l-kumpanija tal-assikurazzjoni *Gasan & Mamo* li magħha kienet koperta l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura li daħlet fl-arblu tal-bandiera tal-Imqabba, liema daqqa swiet aktar minn xahar u nofs sptar għall-istess sewwieqa, sabet arblu u m'hemmx għalfejn noħorġu l-kwotazzjoni pubblika. Intant se joħorgu l-offerti għal pubblikazzjoni ta' *brochure* dwar il-*heritage trail* tal-proġett miżura *313 EARDF* amministrat mill-Aġenzija tal-Pagamenti, se terġa' toħroġ dik tal-latrina pubblika, tal-knis tat-toroq urbani u ta' xiri ta' *van second hand.*

14. Nicholas Briffa talab li tiġi miżbura l-*hedge* tal-lantana fi Ġnien Mikelanġ Sapiano u fil-fatt is-SE kumbinazzjoni kien kellem lill-*foreman* tal-*Environmental Landscapes Consortium* dak in-nhar stess fil-għodu fuq talba ta' resident li joqgħod fl-inħawi u wiegħdu li se ssir il-ġimgħa d-dieħla.

15. Issemmiet il-*crash barrier* li nqalgħet minn posta wara daqqa ta' vettura fi Triq tas-Sejba. Is-Sindku qal illi tlabna stima minn *B Grima & Sons* li fil-fatt għadha mhix f'idejna.

16. Noel Galea semma l-ħaddiem tal-ETC li qed jaħdem fuq l-iskema *Community Works Scheme,* mal-KLM, is-Sur Alfred Farrugia. Is-Sur Farrugia jaħdem 30 siegħa fil-ġimgħa u qal li l-ETC jagħtuh ¾ tal-paga minima. Is-Sindku qal illi ilu jagħtih ċans biex itejjeb il-*performance* tiegħu

iżda hu irid li jaqleb bil-*full pay* mal-KLM, xi ħaġa li ma' tistax issir. Għaldaqstant se nippruvaw niktbu lill-ETC sabiex dawn jibdlulna 'l dan il-ħaddiem li dwar l-istess *performance* insodisfaċenti tiegħu, is-Sindku qal li anke l-pubbliku ġibidlu l-attenzjoni tiegħu kemm-il darba. Waħda mill-affarijiet li qed iddejjaq lis-Sindku hi li meta jkun hemm xi xogħol iebes, dan jirrapporta *sick*, apparti li meta l-ħaddiema tal-IPSL ikunu jaħdmu huwa jagħżel li jibqa' jħares jew iteftef xi ħaġa żgħira.

17. Paul Spiteri ippropona illi jsiru żewġ Wi Fi's fir-raħal. Wieħed fil-Pjazza tal-Knisja u ieħor fejn il-każin tal-futbol. Hu qal illi dawn huma żewġ postijiet li huma frekwentati ħafna minn persuni li jistgħu jaċċessaw l-internet anke minn fuq il-mobile tagħhom. Is-SE qal li l-akbar problema mhux li inġibu il-linja tal-*Go plc* u jitħallas l-*internet* kull perjodu, iżda il-kaxxa u l-*meter* tad-dawl li jekk se jintużaw għal dan l-iskop biss ma tantx jagħmel sens. Intant se naraw jekk ikunx hemm min hu lest li jerfa' ftit minn dan il-piż fost il-gruppi volontarji li hemm fil-każin/parroċċa, u joffru il-provista tal-elettriku sabiex nixgħelu l-modems.

18. Kienu approvati il-Payment Approval Sheets numri 435 u 436.

19. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar id-29 ta' Mejju, 2012, fejn dak in-nhar il-KLM se jistieden lis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju għal *drink* fl-uffiċċju fl-okkażjoni tal-festa li se tkun iċċelebrata fis-17 ta' Ġunju, 2012. Il-laqgħa se tibda fis-6:30pm u dawn se jkun mistiedna f'nofsha, jiġifieri fit-8:00pm. Intant bi preparazzjoni għall-festa, se ssir talba biex il-gwardjani lokali jkunu maqlugħa u mħallsa mill-KLM, liema spiża qed tkun approvata f'dan il-waqt biex jiddevjaw it-traffiku skond kif sar fis-snin l-imgħoddija. Biex isir dan, is-SE kien awtorizzat illi jikiteb ittra wkoll lil *Transport Malta* (lis-Sur Domenic Vella u lis-Sur Kevin Zahra) biex it-trasport pubbliku wkoll ikun devjat mit-toroq ċentrali. Dan se jsir bejn id-9 u t-18 ta' Ġunju, 2012 meta l-Pjazza tal-Knisja tkun magħluqa bil-planċier tas-soċjeta' u għalhekk it-trasport pubbliku jkollu biss aċċess minn Triq il-Konvoj ta' Sta Marija u biex ikun devjat f'nhar il-festa u lejlietha minn Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet u Triq il-Qattara biex jevita' l-parti tal-*By-Pass* fejn ikun hemm in-nies jaraw in-nar tal-ajru lejlet u nhar il-festa mill-4.30pm 'l quddiem.

20. F'nofs il-laqgħa daħal resident inkwetat u li l-kunsillieri ħallewh jesprimi il-preokkupazzjoni tiegħu bit-tibdil li se jseħħ fit-trasport pubbliku. Dan se jsir bl-introduzzjoni tal-iskeda l-ġdida rotta numru 117 li twassal il-*commuters* fl-isptar Mater Dei fil-5:30am. Hu qal li din is-servizz kmieni se tinqata' u se ssir waħda fis-6:00am. Is-SE se jivverifika dan kollu u jagħmel ilment formali f'isem din il-persuna jekk dan ikun minnu.

21. Il-laqgħa ntemmet fid-9:10pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*29 / 05/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |